

22.2.2024

A9-0053/14

Emenda 14

Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans
fisem il-Grupp ID

Rapport

A9-0053/2024

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

3a. ***Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu
ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi,
tiġi razzjonalizzata n-nefqa u jissaħħu t-
trasparenza u l-obbligu ta' rendikont fl-
infq tal-UE biex jiġi żgurat użu effiċjenti
u responsabbli tal-flus tal-kontribwenti
biex jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet u l-
isfidi;***

Or. en

Emenda 15**Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans**

f'isem il-Grupp ID

Rapport**A9-0053/2024****Jan Olbrycht, Margarida Marques**Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))**Mozzjoni għal riżoluzzjoni****Paragrafu 14***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

14. Jissottolinja li l-appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi terzi għandu jingħata permezz ta' programmi fl-Intestatura 6, li jiżguraw sorveljanza robusta u jggarantixxu l-prerogattivi tal-Parlament; jisħaq li l-użu tal-Faċilitajiet ma għandhomx jintużaw ħlief jekk ma jkunx hemm għażla oħra fil-qafas tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju; jenfasizza li l-mudell ta' governanza użat fil-Faċilità għall-Ukrajna, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu estensiv tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, huwa speċifiku għall-kuntest li fih se jopera, u għalhekk huwa eċċezzjonali u ma għandux jiġi rreplikat għall-ebda strument futur ta' dan it-tip;

14. Jissottolinja li l-appoġġ finanzjarju għall-pajjiżi terzi għandu jingħata permezz ta' programmi fl-Intestatura 6, li jiżguraw sorveljanza robusta u jggarantixxu l-prerogattivi tal-Parlament; **jenfasizza l-fatt li kwalunkwe għajjnuna umanitarja jew għall-iżvilupp lil pajjiżi terzi trid tiġi pprovduta bil-kundizzjoni li jkun hemm kooperazzjoni bla xkiel fir-ripartizzjoni taċ-ċittadini tagħhom li qed jirrisjedu b'mod illegali fl-Unjoni Ewropea**; jisħaq li l-użu tal-Faċilitajiet ma għandhomx jintużaw ħlief jekk ma jkunx hemm għażla oħra fil-qafas tal-għoti ta' appoġġ finanzjarju; jenfasizza li l-mudell ta' governanza użat fil-Faċilità għall-Ukrajna, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu estensiv tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill, huwa speċifiku għall-kuntest li fih se jopera, u għalhekk huwa eċċezzjonali u ma għandux jiġi rreplikat għall-ebda strument futur ta' dan it-tip;

Or. en

22.2.2024

A9-0053/16

Emenda 16

Joachim Kuhs, Valentino Grant, Eric Minardi, Gerolf Annemans
f'isem il-Grupp ID

Rapport

Jan Olbrycht, Margarida Marques

Il-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (Riżoluzzjoni)
(2023/0201M(APP))

A9-0053/2024

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

34. Jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill ma jadottax il-proposta tal-Parlament dwar it-tneħħija tal-limitu massimu annwali f'approprjazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku, li kien jelimina kwalunkwe riskju ta' kriżi ta' pagamenti;

Emenda

34. Jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill ma jadottax il-proposta tal-Parlament dwar it-tneħħija tal-limitu massimu annwali f'approprjazzjonijiet ta' pagament għar-rikors għall-Istrument ta' Marġini Uniku, li kien jelimina kwalunkwe riskju ta' kriżi ta' pagamenti; ***ifakkar li żieda fil-limiti massimi tal-appropriazzjonijiet ta' pagament mhijiex awtomatikament korrelata ma' kapaċità aħjar ta' assorbiment tal-baġit tal-UE; jirrimarka, f'dan ir-rigward, li l-ammont ta' impenji pendent (ammonti impenjati iżda li għadhom ma tħallsux) laħaq rekord ta' EUR 490 biljun fil-bidu tal-2024;***

Or. en